



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2015
COM(2015) 354 final

2014/0213 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE)
Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar
ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali
għas-Sajd fil-Mediterran)**

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran)

1. SFOND

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
(dokument COM(2014) 457 finali – 2014/0213 (COD): 11.07.2014.

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 15.10.2014.

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 13.01.2015.

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata: -

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: 13.07.2015.

2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI

Il-proposta għandha l-għan li tittrasponi f'liġijiet tal-Unjoni għadd ta' miżuri li ġew adottati fil-qafas tal-Ftehim għat-twaqqif tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) bejn l-2011 u l-2013. Dawn il-miżuri diġà jinsabu fis-seħħ u jorbtu lill-UE u l-għaxar Stati Membri li huma partijiet kontraenti tal-Ftehim tal-GFCM (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, is-Slovenja, Spanja u r-Rumanija). Sal-punt sa fejn il-kontenut tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM mhuwiex kopert jew huwa biss parzjalment kopert mil-liġijiet eżistenti tal-Unjoni, it-trasponiment tal-miżuri rilevanti tal-GFCM huwa meħtieġ sabiex dawn il-miżuri jkunu applikabbli b'mod uniformi u effettiv madwar l-Unjoni, inkluż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

3.1. Kummenti ġenerali dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill:

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim politiku mil-huq mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fis-26 ta' Marzu 2015. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim. Madankollu, għamlet żewġ dikjarazzjonijiet li huma annessi hawn taħt.

3.2. Emendi magħmula mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari:

Il-Parlament Ewropew għamel 25 emenda fl-ewwel qari: Bl-eċċezzjoni tal-emenda 19 (dwar il-bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-borża fis-Subżoni Ġeografiċi 17 jew 18, li l-Parlament Ewropew qabel li jirtira), l-emendi l-oħra kollha ġew

integrati fil-pożizzjoni tal-Kunsill b'aktar bidliet, b'riżultat tal-laqgħat ta' trilogu tat-2 u s-26 ta' Marzu u l-laqgħat interistituzzjonali tekniċi tal-4 ta' Frar u l-4 ta' Marzu.

3.3. Dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-Kunsill u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward:

Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill introduċa deroga ġdida fl-Artikolu 15a, li tikkonċerna l-użu tax-xbieki tat-tkarkir fl-ilmijiet kostali tal-Baħar l-Iswed u tqis is-sitwazzjoni prevalenti f'dak ir-reġjun. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda oġġezzjoni.

3.4. Problemi li nqalgħu fl-adozzjoni tal-pożizzjoni fl-ewwel qari u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward:

Il-Kummissjoni għamlet żewġ dikjarazzjonijiet bil-għan li jiġu ċċarati xi kwistjonijiet marbuta ma' derogi dwar il-qroll aħmar u, aktar preċiżament, mal-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali matul perjodu tranżizzjonali u mad-data finali għall-użu tal-Vetturi ta' Taħt l-Ilma Mħaddma mill-Bogħod (ROVs, Remotely Operated underwater Vehicles) għal għanijiet ta' osservazzjoni u esplorazzjoni b'rabta mal-qroll aħmar.

4. KONKLUŻJONI

Is-servizzi legali u l-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet ingħataw il-mandat li jagħmlu l-aġġustamenti kollha rilevanti lit-test. Għaldaqstant, id-dokument finali jirrappreżenta l-proposta tal-Kummissjoni kif immodifikata u integrata mill-ftehim politiku milħuq mill-koleġiżlaturi fis-26 ta' Marzu.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim iżda tixtieq tagħmel dikjarazzjonijiet dwar żewġ punti speċifiċi ta' tħassib.

5. DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

Miżuri nazzjonali tranżizzjonali

Il-Kummissjoni tiegħu nota tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tippermetti lill-Istati Membri jżommu d-derogi eżistenti marbuta mal-ħsad tal-qroll aħmar mingħajr limitu ta' żmien, u li tipprovdi għal derogi ġodda li għandhom jingħataw f'perjodu tranżizzjonali, għal darb'oħra mingħajr data ta' skadenza.

Il-Kummissjoni tqis li, min-natura tagħhom, id-derogi u/jew il-miżuri tranżizzjonali jistgħu jkunu biss temporanji u li r-reġimi eċċezzjonali mingħajr limitu maqbula mill-koleġiżlaturi jistgħu jpoġġu lill-Unjoni f'pożizzjoni fejn ma tkunx tista' tiżgura li l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tal-GFCM jiġu rispettati bis-sħiħ.

F'każ li jimmaterializzaw ir-riskji msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni se tippreżenta proposti għal miżuri xierqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-każ mhux se tippreġudika l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli oħra dwar derogi u/jew sistemi tranżizzjonali.

Data finali għall-użu tal-ROVs

Fir-rigward tad-data finali tal-31/12/2015, maqbula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-użu awtorizzat tal-ROVs għal għanijiet ta' osservazzjoni u esplorazzjoni tal-qroll aħmar, il-Kummissjoni tiegħu nota tad-deċiżjoni tal-koleġiżlaturi li jinterpretaw il-kliem "sal-2015" fil-paragrafu 3a) tar-Rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/2, bħala "sal-31 ta' Diċembru 2015",

u b'hekk jiddevjaw sostanzjalment mill-proposta tal-Kummissjoni li tikkunsidra biss il-perjodu ta' żmien qabel l-2015, sal-31 ta' Diċembru 2014.

Wara li diġà enfasizzat li, min-natura tagħhom, id-derogi jistgħu jkunu biss temporanji, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li s-Servizz Legali tal-FAO kien esprima l-fehma li għandu jiġi kkunsidrat biss il-limitu ta' żmien qabel l-2015. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk jeħtieġx li jittieħdu inizjattivi xierqa sabiex tiġi èçarata l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-kwistjoni tal-ROVs fi ħdan il-GFCM.